# ĦARSA LEJN
# MISSIRIJIET IL-KNISJA

KNISJA elfejn

sena XXX nru. 125

lulju – settembru 2018

# Ħarsa lejn Missirijiet il-Knisja

WERREJ

P. Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Fr Jonathan Farrugia
**Introduzzjoni għall-Missirijiet tal-Knisja** 3

Prof. Salvinu Caruana OSA
**Xi Missirijiet tal-Knisja Latini tal-ewwel 4 sekli w.K.** 19

Fr Justin Schembri OP
**The Early Church and Scriptures: A creative fidelity to the text** 31

Mons. Prof. Hector Scerri
**Introduzzjoni għall-Kristoloġija ta' Missirijiet il-Knisja – Il-Kristoloġija tal-Ewwel Żewġ Sekli** 39

Fr Mario Delmar
**Il-Knisja fil-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja** 51

Fr Jonathan Farrugia
**Il-Madonna fil-ħsieb bikri tal-Knisja** 61

Fr Krystof Buttigieg
**Il-familja nisranija skont it-tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja** 71

Dr Nadia Delicata
**L-Ekoloġija u l-Ekonomija fit-Tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja** 79

Dr Pauline Dimech
**Nisa Nsara li ħallew il-marka tagħhom fl-ewwel sekli tal-Knisja** 99

Rev. Papàs Martin Zammit
**S. Duminku: Predikatur tal-Verità għal kull żmien** 111

# Introduzzjoni għall-Missirijiet tal-Knisja

Fr Jonathan Farrugia

## L-ewwel parti: min huma l-Missirijiet tal-Knisja?

Spiss fid-diskors li għandu x'jaqsam mal-istorja tal-Kristjaneżmu jissemmew kategoriji differenti ta' persuni, bħal per eżempju ġieli nsemmu l-martri, il-verġni, il-konfessuri, id-dutturi tal-Knisja u oħrajn. Fost dawn, kategorija speċifika li ma tantx tissemma, u li meta tissemma titħawwad mal-kategorija tad-dutturi, hija dik tal-"Missirijiet tal-Knisja". Mhux faċli npoġġu timbru ta' "Missier tal-Knisja" fuq persunaġġ għax hemm xi karatteristiċi partikulari li ma jistgħux jiġu injorati biex wieħed jitqies tali.

Jekk nitilqu mill-kelma "Missier" diġà hemm xi spunti li nifhmu li huma fundamentali. Per eżempju: missier irid ikun ħalla nisel (għalkemm mhux neċessarjament b'mod bioloġiku!), u apparti minn hekk irid ikun raġel[1]. L-attribut "tal-Knisja" jindika li n-nisel ta' dan ir-raġel kellu jkun bilfors b'xi mod relatat mal-istituzzjoni ekkleżjali, mhux fil-ġerarkija tagħha daqs kemm fit-tagħlim tagħha.

Għal ħafna sekli d-definizzjoni ta' "Missier tal-Knisja" kienet issegwi l-punti li kien ta San Vinċenz ta' Lerins fil-ktieb tiegħu *Commonitorium*[2]:

Jekk tqum xi kwistjoni ġdida li dwarha l-ebda deċiżjoni ma tkun għadha ttieħdet, l-imgħallmin għandhom imorru jfittxu u jaraw il-**Missirijiet qaddisa** x'kienu qalu dwar is-suġġett fis-snin ta' qabel. Il-Missirijiet li għandhom jiġu konsultati huma dawk li fi żmienhom **żammew dejjem il-għaqda u l-komunjoni tal-fidi**, li kienu **meqjusa min-nies ta' żmienhom bħala mgħallmin magħrufa**; u dak li jinsab li huma żammew bħala tajjeb għandu jibqa' jitqies tali bħala t-tagħlim veru u kattoliku tal-Knisja mingħajr ma jitpoġġa l-ebda dubju fuqu. [...] Xejn ma għandu jiġi emmnut mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin ħlief dak

li **l-antikità mqaddsa** tal-Missirijiet qaddisa fi Kristu żammew bħala veru. (*Comm*. 28; 33)

Minn din is-silta joħorġu l-erba' punti li għal sekli sħaħ kienu meqjusa bħala l-kriterji li permezz tagħhom wieħed jagħraf il-kittieb li qiegħed jaqra jekk hux Missier jew le:

• *doctrina orthodoxa* (it-tagħlim skont il-fidi): it-teoloġija ta' dawn il-persuni kellha tkun taqbel mat-tagħlim popolari tal-Knisja. Dan ma jfissirx li jridu jaqblu f'kull punt[3], imma li b'mod ġenerali tagħlimhom ma jitbiegħedx mill-ħsieb nisrani;

• *sanctitas vitae* (magħrufin għall-ħajja qaddisa li għexu): il-qdusija fil-ħsieb nisrani antik ma tikkonċernax lil dawk li għaddew minn proċess ta' kanonizzazzjoni; minflok il-'qaddisin' kienu dawk li l-poplu kien jagħrafhom bħala tali minħabba l-eżempju tajjeb li ħallew lill-komunitajiet li fihom għexu;

• *approbatio ecclesiae* (il-għarfien min-naħa tal-Knisja): it-tagħlim ta' dawn il-Missirijiet irid ikollu r-rikonoxximent tal-Knisja; dan ma jfissirx li jrid ikollu n-*nihil obstat* bħalma hija d-drawwa llum, imma li jiġi ċitat u jsiru referenzi għalih fil-kitbiet tal-maġisteru;

• *antiquitas* (l-antikità): dawk meqjusa bħala Missirijiet iridu jkunu għexu fl-ewwel sekli nsara, sakemm beda ż-żmien meta l-kittieba ekkleżjastiċi bdew jirrepetu dak li qalu huma.

Dawn l-indikazzjonijiet mogħtija minn San Vinċenz ta' Lerins fis-seklu ħamsa kienu ta' għajnuna, iżda kultant ħolqu xi diffikultajiet ukoll, l-aktar għax ma jingħad xejn dwar kittieba li l-Knisja użat il-kitbiet tagħhom, imma li għal xi raġuni mhumiex meqjusa bħala qaddisin, jew inkella dwar persuni li nafu li ħallew xi kitbiet imma dawn ma waslulniex, u saħansitra dwar kitbiet mill-isbaħ li però ma nafux min kitibhom. Madanakollu dawn il-kriterji b'xi mod dejjem ġew osservati fil-klassifikazzjoni ta' min huma l-Missirijiet u min le.

Definizzjoni aktar dettaljata u li tagħti lok għal interpretazzjoni aktar miftuħa hija dik li ta l-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-ittra appostolika tiegħu *Patres Ecclesiae* li ħarġet fit-2 ta' Jannar 1980, proprju fil-festa ta' żewġ Missirijiet kbar tal-Orjent, San Bażilju u San Girgor Nazjanzenu:

Sewwa nagħmlu li nsejħu "Missirijiet tal-Knisja" lil dawk il-qaddisin

li fl-ewwel sekli ġeddew u kabbru l-Knisja grazzi għall-qawwa tal-fidi tagħhom u għall-profondità u l-għana kbir tat-tagħlim li ħallew.

Huma tassew "Missirijiet" tal-Knisja għax minnhom u permezz tal-Evanġelju, hi ħadet il-ħajja. Huma jistgħu jitqiesu wkoll bħala l-bennejja tagħha għax grazzi għalihom il-Knisja ta' Alla nbniet fl-istrutturi importanti tagħha imwaqqfa fuq il-pedament waħdieni mpoġġi mill-appostli: dan il-pedament hu Kristu.

Sal-lum il-Knisja għadha tgħix minn din il-ħajja mogħtija lilha mill-Missirijiet; u għadha tinbena fuq il-pedamenti mpoġġija mill-ewwel bennejja tagħha, fil-ferħ u fin-niket tul il-vjaġġ imqalleb tagħha ta' kuljum.

Għalhekk huma kienu, u jibqgħu għal dejjem, Missirijiet: huma infushom huma struttura soda tal-Knisja, u għadhom sal-lum jaqdu l-missjoni li jagħtu l-ħajja lill-Knisja ta' kull żmien. Għalhekk, kull messaġġ u kull tagħlim tal-maġisteru li ġie wara żmienhom, jekk irid jitqies bħala tagħlim awtentiku, għandu jiġi mqabbel mal-messaġġ li taw huma u mat-tagħlim li ħallew; kull kariżma u kull ministeru għandhom jieħdu l-ħajja mill-paternità tagħhom; u kull ġebla miżjuda fl-istruttura mqaddsa tal-Knisja li tikber kuljum, trid issib postha fl-istrutturi li ġa nbnew, titwaħħad u ssir ħaġa magħquda magħhom. (PE, I)

L-ispjegazzjoni li jagħti San Ġwanni Pawlu II turi ferm aktar l-irwol "patern" ta' dawn il-persunaġġi li qed nitkellmu dwarhom... u xi ftit jew wisq ninnutaw li l-erba' punti li kien semma San Vinċenz tant sekli qabel xorta waħda għadhom validi: il-persuni jridu jkunu qaddisin, tagħlimhom irid ikun sawwar il-Knisja, kull tagħlim ġdid irid ikun jaqbel ma' tagħhom u jridu jkunu għexu fl-ewwel sekli.

Għaldaqstant meta nieħdu f'idejna xi kitba ġejja minn din l-epoka tajjeb li nżommu f'moħħna xi punti importanti biex napprofittaw kemm nistgħu mill-qari tagħhom. L-ewwel nett tajjeb li nkunu nafu xi ħaġa dwar il-kuntest storiku, politiku u soċjali li minnu ħarġet kitba – żminijiet differenti u ċirkustanzi differenti jipproduċu kitbiet differenti, għalhekk il-kuntest dejjem joffri waħda miċ-ċwievet meħtieġa biex test jiftihem tajjeb. Barra minn hekk jiswa' wkoll li nammettu li dal-kitbiet kultant mhumiex faċli, u għalhekk li wieħed jaqra xi silta aktar minn darba jkun utli wkoll. Huwa importanti ħafna li ma ninterpretawx – jew almenu mhux mill-ewwel – dawn il-kitbiet ta' tant sekli ilu bil-mentalità ta'

żmienna! Spiss insibu kummenti jew raġunament li ma jaqblux ma' dak li huwa meqjus bħala politikament korrett illum[4] – irridu niftakru dejjem li dawn il-kitbiet huma prodotti ta' żmienhom meta n-nies kienu jaħsbu mod ieħor. Fl-aħħar tajjeb li nwieżnu sewwa kull kelma... l-antiki ma kienux soltu jintilfu f'ħafna kliem fil-vojt, għalhekk hemm raġuni għal kull kelma li tpoġġiet!

**L-epoka patristika u kif tista' tinqasam**

Ftit 'il fuq sħaqna fuq l-importanza li dawn il-kittieba ġejjin minn żmien partikulari, jiġifieri mill-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu. Waqt li huwa kemxejn faċli ngħidu meta din l-epoka tibda, mhuwiex daqstant faċli ngħidu meta tispiċċa! Iżda, bħal dejjem, hemm xi indikazzjonijiet storiċi li jgħinuna naslu għal xi konklużjonijiet prattiċi.

Qabel nitkellmu fuq l-ark temporali ta' din l-epoka tajjeb ngħidu li l-aktar żmien importanti tagħha kien il-bidu tas-seklu erbgħa – mhux minħabba l-kitbiet li ġejjin minn dak iż-żmien, imma l-aktar minħabba l-avvenimenti storiċi marbuta mal-Imperu Ruman u mal-Knisja li għenu biex l-Insara jagħtu interpretazzjoni sagra lill-istorja biex minnha joħorġu aktar ċar ir-raġunijiet għala l-fidi nisranija hija importanti u għandha teżisti.

Sal-bidu tas-seklu erbgħa l-fidi nisranija kienet għadha reliġjon illeċita minħabba li l-uniku kult permess kien dak pagan tal-Imperu. Fl-ewwel kwart ta' dan is-seklu seħħet bidla kbira għax permezz tal-Imperatur Kostantinu l-Kbir il-fidi nisranija – flimkien ma' forom oħra ta' twemmin – ġew aċċettati bħala reliġjonijiet leċiti u dawk li kienu jħaddnuhom ma baqgħux diskriminati mid-drittijiet li kellhom bħala ċittadini Rumani.

Iż-żewġ dati l-aktar importanti f'din il-bidla huma s-sena 313 li fiha ġie ffirmat l-Editt ta' Milan (li ta għarfien legali lir-reliġjonijiet kollha tal-Imperu) u s-sena 325 meta l-Imperatur sejjaħ l-ewwel konċilju ekumeniku tal-Knisja, li seħħ ġewwa Niċea, biex jiġu ċċarati xi problemi teoloġiċi li kienu qed jikkawżaw ħafna nkwiet u firdiet. Hemm fergħa ta' studjużi li jaqsmu l-epoka patristika madwar is-sena 313 (u għalhekk l-interpretazzjoni hija aktar ibbażata fuq l-istorja politika), waqt li hemm oħrajn li jaqsmu din l-epoka madwar is-sena 325 (u għalhekk l-interpretazzjoni hija aktar ibbażata fuq l-iżvilupp teoloġiku).

Mudell ieħor ta' suddiviżjoni, xi ftit aktar kumpless, imma fl-istess ħin aktar dettaljat, jaqsam l-epoka patristika skont is-sekli u skont dak li l-Knisja kienet għaddejja minnu:

- Il-Knisja primitiva (l-ewwel seklu)
- Il-Knisja antika (it-tieni seklu)
- Il-Knisja tal-martri u tat-teoloġi l-kbar (it-tielet seklu)
- Il-Knisja imperjali (ir-raba' seklu)
- Il-Knisja tardo-antika (mill-ħames sat-tmien seklu).

Għedna li huwa kemmxejn faċli ngħidu meta din l-epoka tibda imma mhux daqshekk faċli ngħidu meta tispiċċa. Hemm qbil unanimu li ż-żmien patristiku jibda fi żmien l-Appostli, għax l-appostli b'kitbiethom ġa kienu qed inisslu l-Knisja u tagħlimha. Iż-żmien tat-tmiem mhux daqshekk ċar. Fil-Punent it-tmiem jikkoinċidi mal-waqgħa tal-Imperu Ruman, filwaqt li fil-Lvant jestendi ftit aktar sal-waqgħa tal-patrijarkati l-kbar tal-Orjent[5].

Għalhekk nistgħu ngħidu li fil-Punent l-epoka patristika tispiċċa fil-bidu tas-seklu sebgħa, jiġifieri mal-mewt tal-aħħar żewġ Missirijiet kbar, San Girgor il-Kbir (604) u San Isidor ta' Sivilja (636)[6]. Fil-Lvant il-mewt ta' San Ġwann ta' Damasku (lejn is-sena 750) jimmarka t-tmiem ta' din l-epoka.

**Il-kuntest storiku**

Semmejna wkoll l-importanza li għandha tingħata lill-kuntest meta nitrattaw dawn il-kitbiet. Id-dinja li għexu fiha l-Missirijiet tul tmien sekli ta' storja ma kienetx waħda omoġenea u uniformi, anzi kienet dinja ta' ħafna kulturi differenti u moviment ta' ħsieb li spiss kienu mbegħda ħafna minn xulxin. Biżżejjed insemmu l-kulturi l-kbar li fihom tnissel u kiber il-Kristjaneżmu.

L-ewwel nett jeħtieġ niftakru li l-oriġni tal-fidi l-ġdida tad-dixxipli ta' Ġesù seħħ fi ħdan il-Ġudaiżmu, li minnu l-Insara ħadu l-ewwel u qabel kollox l-element monoteistiku fil-għarfien ta' Alla waħdieni li huwa fuq kulħadd. L-interpretazzjoni tagħhom tad-divin hija kemxejn differenti minn dik tal-Lhud, imma l-element bażiku li Alla huwa wieħed (*monos*/μόνος) huwa l-istess. Mil-Lhud l-Insara ħadu wkoll il-Kotba Mqaddsa, li huma bdew iqisu bħala l-Patt il-Qadim. Għalkemm kien hemm kittieba

li injuraw kompletament dawk il-kotba, kif ukoll oħrajn li ċaħduhom apertament[7], il-Knisja minn dejjem żammet il-Kotba Mqaddsa tal-Lhud bħala parti essenzjali mid-depożitu tal-fidi. Rigward it-tradizzjonijiet tal-Lhud nafu li fil-bidu kien hemm xi setet ta' Nsara li kienu aktar ixaqilbu lejn il-Ġudaiżmu[8] milli lejn il-Kristjaneżmu kif imbagħad żviluppa, imma sat-tielet seklu dawn kienu spiċċaw fix-xejn, b'mod li fil-Knisja kif imbagħad kompliet tissawwar, speċjalment wara l-ewwel konċilji, it-tradizzjonijiet Ġudajċi ġew imwarrba kompletament.

Iżda apparti l-kuntest Lhudi kien hemm ukoll il-kultura pagana li kienet qawwija ħafna, speċjalment dik Ellenistika/Griega. Tajjeb niftakru li l-ewwel lingwa tal-Insara kienet il-Grieg: kemm il-kotba tal-Patt il-Ġdid kif ukoll l-ewwel kitbiet tal-Insara – anke dawk ġejjin minn Ruma – inkitbu bil-Grieg. L-ewwel tkabbir notevoli li kellha l-komunità tad-dixxipli ta' Ġesù kienet grazzi għall-ħidmiet ta' San Pawl fost il-pagani, li kienu lkoll ta' kultura Griega. Biżżejjed insemmu li l-ewwel belt li fiha l-Insara bdew jissejħu "Kristjani" kienet Antijokja[9], li kienet belt ta' kultura Griega per eċċellenza. Minn kif seħħew il-ġrajjiet nafu li l-forma ta' Kristjaneżmu li baqgħet ħajja kienet dik imħaddna mill-pagani li laqgħu l-fidi nisranija fejn it-tradizzjonijiet tal-Lhud qatt ma rabbew l-għeruq. Mill-pagani l-Insara ħadu l-għodda biex jinterpretaw b'mod xjentifiku xi misteri tal-fidi, bħalma huma l-pluralità ta' persuni f'Alla wieħed u l-pluralità tan-naturi fil-persuna tal-Iben.

Kultura oħra li kienet għadha fil-bidu tagħha meta bdiet tissawwar il-Knisja hija dik Latina, li kienet aktar popolari fil-Punent madwar il-belt ta' Ruma u fl-artijiet sal-Gallja u l-peniżola Iberika. Din kienet kultura aktar riġida u 'saqajha mal-art' meta mqabbla ma' dik aktar mistika Griega. Il-kittieba kbar Latini minn Tertulljanu sa Girgor il-Kbir ħadu ħafna minn dan l-element rigoristiku li kellhom il-filosfi Latini b'mod li taw lit-teoloġija aspett aktar prattiku u legalistiku minn dak spiss spiritwali u mistiku tat-tarf l-ieħor tal-Imperu.

## Xi definizzjonijiet li jistgħu jkunu ta' għajnuna

Fl-istudju tal-kitbiet ta' dawn is-sekli ħafna drabi jintużaw xi termini li spiss jiġu mħawda bejniethom, għalhekk tajjeb li hawn nagħtu xi definizzjonijiet li huma ta' dawl fil-qari ta' dan il-volum.

Kelma li spiss nużaw hija **patroloġija**; din ġejja minn żewġ kelmiet bil-Grieg li jfissru 'missier' u 'kelma'. Għaldaqstant nistgħu ngħidu li t-tifsira l-aktar bażika tagħha hija "kliem il-Missirijiet", u fil-fatt meta ngħidu 'patroloġija' inkunu qed nirreferu għall-istudju tal-ħajjiet ta' dawn il-persunaġġi kif ukoll ta' kitbiethom b'mod xi ftit jew wisq kronoloġiku.

Tissemma wkoll il-kelma **patrisika**. Din tfisser l-istudju tal-istess materjal li semmejna, imma flok jittieħed skont kull persunaġġ u b'mod kronoloġiku, hawn l-istudju jsir aktar permezz ta' analiżi tal-iżvilupp tal-ħsieb nisrani u d-dommi tal-fidi, hekk kif ġew trattati minn diversi kittieba fi żminijiet differenti.

Barra minn dawn hemm ukoll dik il-kategorija ta' kittieba li mhumiex meqjusa bħala Missirijiet (ġeneralment għax mhux magħrufa bħala qaddisin) u dawk il-kitbiet anonimi. Flimkien ma' dawk nistgħu nsemmu wkoll kitbiet eretiċi li wkoll ġejjin minn din l-istess epoka. Dawn ġeneralment jinġabru taħt l-isem ta' **kitbiet insara antiki**. Il-kitbiet eretiċi huma inklużi magħhom għax l-ereżiji dejjem ħarġu minn idejn kittieba Nsara li x'imkien ħadu xi żball!

L-aħħar żewġ definizzjonijiet li tajjeb li nżommu sewwa f'moħħna huma dawk tal-kliem **kattoliku** u **ortodoss**. Illum meta nisimgħu dal-kitbiet jiġu f'moħħna ż-żewġ fergħat tal-Knisja: dik Latina li tagħraf lill-Papa bħala r-ragħaj tagħha, u dik Griega li hi maqsuma f'patrijarkati u li tqis lill-Papa bħala l-patrijarka ta' Ruma li hu daqs il-patrijarki l-oħrajn. Iżda fl-ewwel sekli dawn iż-żewġ termini kellhom tifsira differenti.

'Kattoliku' fil-kuntest li qed nitkellmu dwaru tfisser 'universali', għalhekk spiss insibu kittieba Griegi li jitkellmu dwar il-Knisja Kattolika b'referenza għall-Knisja universali qabel ma seħħet ix-Xiżma tal-Lvant bejn il-Knisja ta' Ruma u l-Knisja ta' Kostantinopli fis-sena 1054.

'Ortodoss' ġeneralment tintuża b'referenza għat-tagħlim, li meta jkun ortodoss ifisser li huwa fit-triq it-tajba. Il-kelma Griega ορθοδοξία (*orthodoxia*) fil-fatt hekk tfisser. B'hekk insibu wkoll kittieba Latini li jsemmu t-tagħlim ortodoss biex joħorġu distinzjoni bejnu u dak li hu eterodoss ('il barra mit-triq, għalhekk żbaljat).

**It-tieni parti: Missirijiet Griegi u Missirijiet Latini**

Spiss il-kittieba Nsara jinqasmu fi gruppi skont il-lingwa li biha kitbu. L-aktar lingwi użati u magħrufa huma l-Grieg u l-Latin, iżda sa mis-seklu ħamsa nsibu wkoll nuklei żgħar ta' kitbiet oħra bis-Sirjak, bil-Kopt, bir-Rumen u bil-Ġorġjan[10]. Dawn tal-aħħar huma fi stil u *forma mentis* għalihom u hija ħasra kbira li ftit huma dawk li jistudawhom. L-aktar studjati huma naturalment il-kitbiet bil-Grieg u bil-Latin, l-ewwel nett għax dawn il-lingwi huma aktar aċċessibbli għall-akkademiċi u l-istudenti tal-epoka klassika, kif ukoll minħabba l-fatt li dawn ikopru kważi t-totalità tal-kitbiet insara li waslulna mill-ewwel tmien sekli.

Bħalma għedna aktar 'il fuq, l-ewwel lingwa użata mill-Insara f'kitbiethom kienet il-Grieg f'kull parti tal-Imperu, imma eventwalment, qisu minn tmiem it-tieni seklu 'il quddiem, il-kitba bil-Grieg ġiet polarizzata fil-Lvant waqt li l-Latin kien aktar użat fil-Punent, għalkemm xi eċċezzjonijiet ma naqsux. Xi lingwi oħra kienu jintużaw f'ċentri żgħar fil-Lvant ukoll, speċjalment fl-inħawi l-aktar imbegħda tas-Sirja (it-Turkija tal-lum) u l-Palestina fejn kien jintuża s-Sirjak, u f'komunitajiet monastiċi fid-deżert tal-Eġittu fejn kien jintuża l-Kopt.

Qabel ngħaddu għall-ħarsa ħafifa lejn min kienu l-aktar kittieba magħrufa fiż-żewġ lingwi prinċipali tajjeb li ngħidu kumment dwar id-differenzi l-aktar fundamentali li hemm bejn dawn iż-żewġ stili. Meta nitkellmu fuq 'lingwa' ma nkunux qed nirreferu biss għall-ilsien mitkellem jew mitkub, imma wkoll għall-kultura u l-mentalità ta' popli sħaħ. Faċli nifhmu li l-kulturi ta' pajjiżi mbegħda minn xulxin spiss ikunu differenti ħafna waħda mill-oħra, u dan naraw ħjiel tiegħu mir-raġunament li ninnutaw fil-kitbiet ġejjin minn inħawi differenti tal-imperu Ruman.

L-ewwel ħaġa li hemm bżonn ngħidu hija li sa nofs it-tielet seklu l-lingwa uffiċċjali tal-Knisja kienet il-Grieg, minkejja li l-Latin ġa kien użat fil-kuntest nisrani għal madwar ħamsin sena. Filwaqt li fil-bidu l-Grieg kien jafu kważi kulħadd, sa nofs it-tielet seklu numru żgħir ħafna ta' dawk li kienu jgħixu fil-Punent kienu kapaċi jitkellmu u jiktbu kemm bil-Latin kif ukoll bil-Grieg.

Mill-mod kif żviluppaw l-affarijiet, it-teoloġi li kienu jgħixu fil-Lvant, bħal Klement u Oriġene (it-tnejn minn Lixandra) bejn it-tieni u t-tielet seklu, organizzaw irwieħhom fi skejjel kateketiċi u ġabru madwarhom

numru kbir ta' dixxipli li mbagħad komplew jiktbu u jaħsbu fuq l-istess linji li tawhom huma. Spiss f'dawn l-iskejjel – li kienu ċentri ta' tagħlim teoloġiku fil-linja filosofika – it-teoloġija kienet 'tinħoloq' skont iċ-ċirkustanzi li kienu jiffaċċjaw. Dan ma jfissirx li kienet xi teoloġija laxka; li jfisser hu li dak iż-żmien kien għad m'hemmx kriterji ċari x'wieħed isegwi fil-formazzjoni tal-ħsieb u tat-teoriji – kien żmien ta' sperimentazzjoni u għalhekk kulħadd kellu l-libertà li jispjega ħsibijietu rigward ċirkustanzi kurrenti. Apparti milli f'Lixandra, nafu li kien hemm istituzzjonijiet simili f'Antijokja u fil-Palestina. Fil-Punent, iżda, is-sitwazzjoni kienet differenti ħafna, speċjalment f'Ruma u fl-Afrika ta' Fuq. Il-ħassieba Nsara ma kienux marbutin ma' skejjel teoloġiċi jew filosofiċi u rarament insibu wieħed li jimxi strettament fuq il-passi ta' xi ħadd li għex u kiteb qablu. Nistgħu ngħidu li waqt li fil-Lvant kien hemm organizzazzjoni aktar unitarja, fil-Punent kien hemm waħda fejn kull wieħed kien imur għal rasu.

Semmejna li l-iskejjel teoloġiċi tal-Lvant kellhom timbru filosofiku viżibbli ħafna, u kważi dejjem il-lingwaġġ tal-kitbiet li baqgħalna minn dawn l-inħawi huwa miktub fi stil li jsegwi l-linja filosofika l-aktar popolari ta' dak iż-żmien, li kienet il-medju-Platoniżmu[11]. Spiss insibu referenzi għal kitbiet pagani bħala eżempji biex jiġu spjegati xi punti duttrinali u ma kienetx ħaġa rari li kittieba ta' lingwa Griega jfaħħru l-punti pożittivi li jsibu fil-filosofija pagana, li skont huma kienu wkoll isibu l-għajn tagħhom fl-għerf divin. Tajjeb ngħidu wkoll hawn illi kieku bejn it-tieni u t-tielet seklu ma sarx dan l-eżerċizzju ta' 'kristjanizzazzjoni' tal-filosofija wisq probabbli l-fidi nisranija ma kienetx tintlaqa' minn tant popli għaliex kienet tibqa' xi ħaġa estranea għalihom. Madanakollu dan ma seħħx fil-Punent, għax ninnutaw li l-kittieba ta' lingwa Latina tal-bidu, bħal Tertulljanu, kellhom attitudni negattiva ħafna lejn il-filosofija pagana u kienu jarawha bħala għodda tax-xitan. Dan ma jfissirx li ma kienux jużaw l-istili argumentativi tal-filosfija – fil-fatt dawk kollha li kienu pagani u saru nsara kienu mħarrġa sew fil-filosofija! – iżda mkien ma nsibu eżempji meħuda minn trattati pagani fil-kitbiet tagħhom.

L-aħħar punt li nistgħu nsemmu jirrigwarda l-istil innifsu ta' dawn il-kittieba. Għedna li fl-ewwel sekli, almenu sas-sena 325 meta sar il-Konċilju ta' Niċea, ma kienx hemm kriterji fissi li wieħed kellu jżomm

magħhom fid-deliberazzjoni teoloġika u għalhekk kien hemm ħafna aktar spazju għal-libertà tal-espressjoni. Il-kittieba Orjentali kienu jispikkaw f'din il-ħaġa, u fil-fatt il-kitbiet tagħhom huma ferm aktar spekulattivi bil-konsegwenza li huma aktar spiritwali u aktar mistiċi. Ħafna drabi aktar ipoġġu mistoqsijiet milli joffru tweġibiet u l-element personali jidher ħafna fil-ħsieb tagħhom. Dawk tal-Punent, mill-banda l-oħra, kienu ħafna aktar prattiċi u legalistiċi f'kitbiethom bil-konsegwenza li joħroġ ċar illi l-għan li għalih kienu jiktbu – almenu fl-ewwel erba' sekli – aktar kien jirrigwarda l-moralità fl-imġieba tal-qarrejja milli deliberazzjoni fuq il-misteri tal-fidi. Id-dimensjoni personali fil-kitbiet ma tinħassx daqs f'dawk ġejjin mil-Lvant. Raġuni għal dan bla dubju hija l-kultura Rumana li aktar kienet ibbażata fuq liġijiet u normi milli kienet dik Griega kif ukoll il-fatt li l-linja filosofika l-aktar dominanti fl-Ewropa ċentrali u fl-Afrika ta' Fuq kienet dik tal-Istojċi li kienu magħrufa għar-riġidità ta' ħajja li kienu jgħixu.

**Il-Missirijiet ta' Lingwa Griega**

L-ewwel kitba li nafu biha, ġejja mill-epoka appostolika hija trattat qasir dwar l-organizzazzjoni ekkleżjastika bikrija u normi għaċ-ċelebrazzjoni sagramentali; din hija magħrufa bħala d-*Didachè* u probabilment inkitbet fl-aħħar kwart tal-ewwel seklu u mhux magħruf sewwasew minn fejn oriġinat, imma żgur li minn xi ċentru fil-Lvant. Warajha nsibu ittra magħrufa bħala *L-Ittra ta' Klement* miktuba mill-komunità ta' Ruma lill-komunità ta' Korintu, iddatata lejn is-sena 96. It-tema hija l-għaqda fost l-Insara u r-rispett li dawn għandhom ikollhom lejn il-presbiteri li jmexxuhom. Aktar milli l-fatt li din inkitbet Ruma u hija bil-Grieg, huwa kurjuż il-fatt li f'din l-ittra diġà nibdew ninnutaw xi forma ta' awtorità li l-komunità Rumana kellha fuq il-komunitajiet l-oħra, minkejja li r-rwol ta' Papa bħala mexxej ta' Knisja kollha kien għadu ma żviluppax u minkejja li t-teoloġija tal-preċedenza tal-Knisja ta' Ruma fuq il-Knejjes kollha kienet għadha ma teżistix. Mill-bidu tat-tieni seklu mbagħad għandna sensiela ta' *seba' Ittri miktubin mill-Isqof Injazju ta' Antijokja* waqt li dan kien qiegħed jittieħed Ruma għall-martirju. Jispikkaw f'dawn l-ittri t-temi tal-għaqda li għandu jkun hemm bejn il-presbiteri u l-isqof tagħhom u s-sottomissjoni għal dawn min-naħa

tal-lajċi. Tema oħra li tidher l-aktar fl-*Ittra lir-Rumani* tirrigwarda r-rabta spiritwali bejn dan l-isqof u Kristu, tant li kien imxennaq għall-martirju biex jingħaqad aktar mal-imgħallem. Fl-istess perijodu, lejn is-sena 132, probabilment minn Lixandra nsibu l-hekk imsejħa *Ittra ta' Barnaba* li fiha nsibu diġà xhieda ta' Kristoloġija pjuttost żviluppata. Din l-ittra hija indirizzata lill-Insara li qabel kienu pagani u għalhekk fiha ma jonqosx attakk qawwi fuq it-tradizzjonijiet tal-Lhud u ċanfira lil dawk fosthom li dehrilhom li mal-fidi nisranija li ħaddnu kellhom idaħħlu wkoll xi tradizzjonijiet Ġudajċi. Kitba kemxejn stramba ġejja mit-tieni seklu minn Ruma hija *Ir-Ragħaj* miktuba minn raġel li jsejjaħ lilu nnifsu Erma. Din hija kitba apokalittika li tixbaħ ħafna l-kitbiet apokalittiċi ta' tradizzjoni Lhudija, fejn jispikkaw il-viżjonijiet u l-mandati li jirċievi dan Erma. Il-valur li fiha din il-kitba jinsab fil-fatt li diġà tiftaħ il-bieb għall-maħfra tad-dnubiet wara l-magħmudija, ħaġa li damet ħafna biex ġiet aċċettata fil-Knisja universali.

Kien f'dan iż-żmien ukoll li bdew jinbtu ħafna verżjonijiet alternattivi tar-rakkonti li nsibu fil-Bibbja, speċjalment rakkonti dwar it-tfulija ta' Ġesù, dwar Marija u Ġużeppi u dwar il-ħajjiet u l-ħidmiet u l-imwiet tal-appostli wara li Kristu tela' s-sema. Dawn il-*kitbiet apokrifi* kellhom il-għan li 'jimlew il-vojt' li jħallu l-Evanġelji u l-Atti bil-ħsieb li jedifikaw spiritwalment lil min jaqrahom. Spiss dawn kienu jippreżentaw aspetti li jmorru kontra l-fidi popolari u kien għalhekk li ġew imwarrba meta lejn tmiem it-tieni seklu ġie stabilit u magħluq il-kanoni tat-Testment il-Ġdid.

Minn nofs it-tieni seklu jibda l-perijodu hekk imsejjaħ tal-*Apoloġisti*. Dawn kienu kittieba Nsara li kkonvertew mill-paganiżmu li bdew ifittxu li – jew b'mod pożittiv jew negattiv – idaħħlu l-fidi nisranija fi djalogu mal-kultura ta' żmienhom. Kien grazzi għal dawn li l-fidi bdiet tieħu status aktar rispettabbli grazzi għat-trattati xjentifiċi li bdew joħorġu mill-pinen tagħhom[12]. Il-għan ewlieni ta' dawn il-kittieba kien li jippreżentaw apoloġija għall-fidi nisranija. Sal-bidu tas-seklu 4 l-unika fidi leġittima kienet dik tal-imperu, u għalhekk kull twemmin ieħor kien dejjem fil-periklu li jiġi attakkat u li s-segwaċi tiegħu jiġu ppersegwitati. Permezz ta' dawn il-kitbiet l-apoloġisti bdew jippreżentaw argumenti studjati kontra l-akkużi li kienu jsiru kontra l-Insara, fosthom l-ateiżmu, il-kannibaliżmu, l-inċest u l-qtil tat-tfal. Aktar minn kollox huma riedu

juru li l-fidi nisranija kellha dritt teżisti daqs kull twemmin ieħor għax hi biss kienet tmexxi 'l quddiem il-fidi f'Alla veru, u anke biex juru d-differenza li hemm bejn l-Insara u l-Lhud.

L-ewwel apoloġista kien *Ġustinu ta' Ruma* li ħallielna żewġ apoloġiji u traskrizzjoni ta' djalogu ma' wieħed Lhudi jismu Trifone. F'dawn huwa jpoġġi l-kriterji għal dawk li kitbu warajh fuq l-istess tema. Warajh kien hemm *Tazjanu* li wkoll ħalla diskors lill-Griegi (jiġifieri lill-pagani) biex juri l-validità tal-fidi nisranija. Waħda mill-affarijiet li lill-Insara tant kienu jmaqdruhom fuqha kienet it-twemmin tagħhom fil-qawmien mill-imwiet; din kienet ir-raġuni għalfejn *Atenagora* kiteb trattat proprju fuq dan biex juri kemm dan it-twemmin huwa minnu u x'sens għola tieħu l-ħajja meta l-bniedem jemmen li għad jerġa' jqum. L-aħħar apoloġista Grieg kbir kien *Irenew*, li oriġinarjament kien mis-Sirja imma li mar jgħix f'Lugdunum fil-Gallja fejn sar isqof. Fost oħrajn, dan ħalliena kitba magħrufa bħala t-trattat kontra l-ereżiji kollha li fih ifittex li juri l-iżball ta' diversi setet eretiċi li kienu nibtu fil-Knisja u kienu qed jagħmlu ħafna ħsara. Permezz ta' Irenew nibdew nifhmu l-isforzi li kienu qed isiru mhux biss kontra l-għedewwa "ta' barra" imma wkoll dawk "ta' ġewwa".

Fit-tieni seklu jammontaw ukoll il-kitbiet dwar il-martri, li kien ġeneru letterarju li kellu jkollu fortuna kbira sal-medjuevu. Fil-bidu nsibu rakkonti ta' martirji mehmuża ma' ittri mibgħuta minn komunità għal oħra, l-aktar magħrufa fosthom il-*martirju ta' Polikarpu* (c. 156) u l-*martirju tal-martri ta' Vienne u Lugdunum* (177). Fl-istess żmien jibdew jidhru dawk magħrufa bħala l-atti tal-martri li kienu jkunu t-traskrizzjoni tal-proċessi legali kontra individwi akkużati li huma Nsara, b'nota fl-aħħar li tagħti d-data, il-post u l-manjiera tal-martirju. Fosthom baqgħu magħrufa ħafna l-*Atti ta' Ġustinu* (165).

Minn tmiem it-tieni sa tmiem it-tielet seklu l-attenzjoni fid-dinja Griega daret b'mod partikulari fuq il-belt ta' Lixandra bl-iskejjel kateketiċi li nibtu fiha u l-kittieba kbar li ħarġu minn hemm. Fost dawn nistgħu nsemmu l-aqwa tnejn li kienu *Klement* u *Oriġene* li kattru ħafna l-interpretazzjoni allegorika (jew spiritwali) tal-kitbiet bibliċi bħalma kienu bdew jagħmlu fergħa ta' Lhud li kienu jgħixu f'Lixandra, li minnhom baqagħlna biss xi kitbiet ta' *Filone*. Bħala reazzjoni għal dan f'Antijokja kien hemm

kurrent ta’ ħsieb li kien aktar jiffavorixxi l-interpretazzjoni litterali tal-Bibbja. Id-differenzi bejn dawn iż-żewġ skejjel kienu joħorġu anke fil-preżentazzjoni tagħhom tal-figura ta’ Kristu: waqt li l-Antijokeni aktar kienu jpoġġu enfasi fuq l-umanità vera ta’ Kristu waqt li ma jiċħdux id-divinità tiegħu, il-Lixandrini aktar kienu jitkellmu fuq din u spiss warrbu kompletament l-aspett uman.

Fl-ewwel parti tat-tielet seklu f’Ruma nsibu kitbiet anti-eretiċi bil-Grieg miktubin minn awtur anonimu li għal ħafna sekli kien imħawwad ma’ *Ippolitu*, li kien jgħix fis-Sirja. Dan l-awtur Ruman, li jidher li kien ukoll anti-papa, illum huwa magħruf bħala l-*awtur tal-Elenchos* (jew il-*psewdo-Ippolitu*), li hija l-aktar kitba importanti kontra l-ereżiji li għandna ġejja minn Ruma.

**Il-Missirijiet ta’ Lingwa Latina**

Jekk inżommu mal-ewwel erba’ sekli, dwar dawn hemm ħafna inqas xi ngħidu milli dwar dawk li ġa tkellimna fuqhom. L-istess bħal fil-każ tal-eqdem kitba bil-Grieg, l-eqdem kitba bil-Latin li għandna f’idejna hija anonima: din hija l-*Atti tal-martri ta’ Scilli* li kienu grupp ta’ Nsara li nqatlu fl-Afrika ta’ Fuq fis-sena 180. Minn din il-kitba nafu li ġa kienu jeżistu xi traduzzjonijiet tal-Ittri ta’ San Pawl bil-Latin għax dawn jissemmew fl-akkuża. Rigward il-letteratura marbuta mal-qaddisin tajjeb insemmu li bil-Latin l-aktar stil li kien popolari kien dak tal-passjonijiet tal-martri li kienu jkunu rakkonti twal tal-aħħar ġranet (kultant xhur) tal-martri, imżejna b’ħafna viżjonijiet, diskorsi teoloġiċi u mirakli. Nistgħu ngħidu li kienu qishom rumanzi. Fost dawn l-isbaħ u l-aktar magħrufa hija l-*passjoni ta’ Perpetwa u Feliċita* (203) li nqatlu flimkien ma’ oħrajn f’Kartaġni.

L-ewwel kittieba ta’ lingwa Latina li nafu isimhom kienu apoloġisti u kitbiethom bdew jiċċirkulaw fi tmiem it-tieni seklu. Minn Ruma għandna l-ewwel trattat bil-Latin miktub min *Minucius Felix* li fih jiddefendi b’mod seren ħafna l-fidi nisranija mingħajr ma jidħol f’polemiċi duttrinali. Fl-istess żmien ġewwa Kartaġni kien jgħix l-akbar kittieb Latin tal-ewwel erba’ sekli: *Tertulljanu*. Minkejja li l-awsterità u r-rigoriżmu li kien ħaddan wassluh biex lejn tmiem ħajtu jitlaq il-Knisja u jingħaqad ma’ setta Montanista, il-kontribut li ta dan il-kittieb

lil-letteratura nisranija u lil xi kunċetti dottrinali jibqa' indispensabbli. Ftit żmien warajh f'Kartaġni wkoll ħalla kitbiet importantissimi l-isqof *Ċiprijanu*, li ta struzzjonijiet ċari ta' kif għandhom jiġu milqugħa lura fil-Knisja l-Insara li jkunu ċaħdu l-fidi minħabba l-persekuzzjonijiet. Warajh insibu lil *Kommodjanu* li kien wieħed mill-ewwel poeti Insara li wassal il-messaġġ tiegħu permezz tal-vrus.

Għal numru ta' snin hemm nuqqas ta' kitbiet, imbagħad ifeġġ f'Ruma kittieb kbir ieħor, li wkoll spiċċa biex twarrab mill-Knisja minħabba li ma kienx jaqbel mat-tmexxija 'laxka' tal-Papa Kornelju. Dan huwa *Novazjanu* li ħalla l-ewwel trattat trinitarju bil-Latin li nafu bih.

Wara dawn, fil-bidu tar-raba' seklu, insibu kittieba Latini mill-Afrika ta' Fuq bħal *Arnobju* li kiteb ħafna dwar l-umanità u d-divinità ta' Kristu. Warajh jissemma *Vittorinu* li kien mill-Pannonja u li huwa meqjus bħala l-ewwel esiġeta tal-Bibbja li kiteb bil-Latin.

**L-għeluq tal-epoka patristika bikrija**

Ir-raba' seklu, bħalma ġa rajna, ġab miegħu ħafna tibdil. Il-persunaġġi l-aktar importanti li jissemmew matulu huma kollha b'xi mod jew ieħor marbuta mal-kriżi li ħoloq is-saċerdot *Arju* meta dan ċaħad li l-Iben huwa Alla daqs il-Missier. Il-konċilju li ssejjaħ minn Kostantinu fis-sena 325 f'Niċea laqqa' wħud mill-aqwa kittieba Griegi ta' dak iż-żmien: *Alessandru ta' Lixandra*, *Ewsebju ta' Ċesarija* (li kellu interess kbir fl-istorja), *Marċellu ta' Anċira*, u *Ewstazju ta' Antijokja*.

Għalkemm ma' kienux imdaħħla fil-konċilju, kittieba oħrajn, sew Griegi kif ukoll Latini taw kontribut kbir biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni u biex eventwalment id-duttrina dwar it-Trinità tiġi ċċarata u milqugħa minn kulħadd. Fost dawn nistgħu nsemmu lil *Atanasju ta' Lixandra*, il-Missirijiet tal-Kappadoċja (*Bażilju*, *Girgor ta' Nissa* u *Girgor ta' Nazjanzu*) u *Ċirillu ta' Ġerusalemm* min-naħa tal-Griegi u lil *Marju Vittorinu*, *Ilarju ta' Poitiers*, *Ambroġ ta' Milan* u *Prudenzju* min-naħa tal-Latini.

Sar-raba seklu nistgħu ngħidu li l-pedamenti għal dak kollu li kellu jseħħ wara kienu tpoġġew, għax mill-bidu tas-seklu ħamsa, permezz ta' *Ċirillu ta' Lixandra*, naraw kif il-kitbiet ta' qabel bdew jiġu dejjem iċċitati biex jiġu msaħħa l-pożizzjonijiet duttrinali fuq kwistjonijiet li baqgħu jinqalgħu.

## Noti

1 Dan ma għandu jitqies bl-ebda mod bħala diskors li ma jirrispettax l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Bħalma se naraw, waħda mill-karatteristiċi biex wieħed jissejjaħ "Missier tal-Knisja" hija li jkun ħalla tip partikulari ta' kitbiet; fiż-żmien li se nkunu qed nitkellmu dwaru f'dan il-volum il-figura tal-mara kienet kemmxejn imwarrba mis-soċjetà u kitbiet ta' nisa' Insara li għexu f'din il-epoka ma fadlilna kważi xejn.

2 Vinċenz ta' Lerins twieled f'Toulouse fil-Gallja fit-tieni nofs tar-raba' seklu u miet lejn is-sena 445 bir-reputazzjoni ta' raġel għaref u qaddis. Fost il-ħafna kitbiet tiegħu hemm il-*Commonitorium*, miktub lejn is-sena 434, li permezz tiegħu ried jagħti xi linji-gwida biex jingħaraf it-tagħlim kattoliku minn dak eretiku. Fih insibu wkoll din id-definizzjoni ta' kif jingħaraf kittieb li għandu jitqies bħala "Missier".

3 Hemm fil-fatt Missirijiet kbar li dwar xi punti mit-tagħlim tagħhom il-Knisja għandha r-riservi, fosthom Santu Wistin u San Ċirillu ta' Lixandra.

4 Fost dawn nistgħu nsemmu kummenti kontra l-Lhud, kontra dawk li mhumiex Insara jew li ma jgħixux il-fidi tagħhom u kultant kontra n-nisa.

5 Il-patrijarkati l-kbar tal-Knisja l-antika kienu Ruma, Kostantinopli, Lixandra, Antijokja u Ġerusalemm. Minn dawn l-eqdem kien dak ta' Antijokja, iżda dak meqjus l-aktar importanti għall-awtorità kien dak ta' Ruma. Dak ta' Lixandra kellu preġju enormi minħabba l-ammont ta' kittieba kbar li ħarġu minn din il-belt. Meta Biżanzju saret il-belt il-ġdida tal-Imperu u ħadet l-isem ta' Kostantinopli, twaqqaf patrijarkat għaliha; eventwalment meta Kostantinu reġa' waqqaf il-belt ta' Ġerusalemm (li kienet inqerdet mir-Rumani u ħadet l-isem ta' Aelia Capitolina), twaqqaf patrijarkat għaliha wkoll minħabba li hija l-belt fejn bata, miet u rxoxta Kristu. Minħabba l-avvanz tal-Islam fis-sekli sebgħa u tmienja, il-patrijarkati ta' Antijokja, Lixandra u Ġerusalemm spiċċaw fix-xejn. Dak ta' Kostantinopli baqa' wieqaf sal-1453, imbagħad spiċċa wkoll sakemm reġa' twaqqaf fi żminijiet aktar qribna. Għalhekk l-uniku patrijarkat antik tal-Knisja li qatt ma spiċċa huwa dak ta' Ruma.

6 Dan l-aħħar fl-Istitut Agostinjan ta' Ruma l-epoka patristika fil-Punent qed tiġi estiża sal-mewt ta' San Beda l-Venerabbli (735) biex l-għeluq ikun eqreb lejn is-sena tal-għeluq fl-Orjent, imma din il-pożizzjoni għadha mhix milqugħa minn kulħadd, speċjalment minħabba li l-element 'oriġinali' fil-Punent kien ilu li spiċċa fi żmien Beda għajr għal xi punti sporadiċi żgħar fil-kitbiet.

7 Fost dawn nistgħu nsemmu lil San Injazju ta' Antijokja u lill-kittieb tal-*Ittra ta' Barnaba*.

8 Dawn huma magħrufa bħala l-Ġudeo-Kristjani li spiss kienu jkunu Nsara li qabel kienu Lhud. Il-grupp l-ieħor, li eventwalment kien rebbieħ, huwa msejjaħ dak tal-Etno-Kristjani, għax kien magħmul minn persuni li kkonvertew mill-paganiżmu.

9 Atti 11, 26.

10 Angelus A. De Marco OFM, *Liturgical languages*, minn The American ecclesiastical review, Awwisu 1963, 90-99.

11 Dan żviluppa fl-ewwel żewġ sekli tal-epoka nisranija minn diversi filosfi pagani, l-ewwel fosthom Antijoku ta' Askalon, li kellhom taħriġ platoniku (jiġifieri skont il-ħsieb ta' Platun li għex bejn il-ħames u r-raba' seklu qabel Kristu), imma li kienu ħaddnu ideat ġodda bħalma kienu l-libertà tar-rieda tal-bniedem, l-immortalità tar-ruħ u t-traxxendenza ta' Alla li jaħdem fid-dinja permezz ta' ħlejqiet intermedji bejnu u bejn il-bniedem. Eventwalment il-medju-Platoniżmu ħadlu postu n-neo-Platoniżmu li kien issawwar mill-ħsieb ta' Plotinu (204-270).

12 Huwa minn din l-epoka li nibdew naraw l-ewwel testimonjanzi ta' kitbiet bil-Latin; dawn se jiġu diskussi aktar 'l isfel f'dan l-artiklu.

## Bibljografija

Bonnici A.-Caruana S., *Patroloġija* I, Malta 2015. (ISBN 978-99957-30-48-2)

Drobner H., *The Fathers of the Church. A comprehensive introduction*, Massachusettes 2007. (ISBN 978-1-56563-331-5)

Fiedrowicz M., *Teologia dei Padri della Chiesa*, Brescia 2010. (ISBN 978-88-399-0451-5)

Padovese L., *Introduzione alla teologia patristica*, Milano 2000. (ISBN 88-384-1784-9)

Prinzivalli E., *Questioni di storia del Cristianesimo antico I-IV sec.*, Roma 2009. (ISBN 978-88-6134-382-5)

Prinzivalli E.-Simonetti M., *La teologia degli antichi cristiani (secoli I-V)*, Brescia 2012. (ISBN 978-88-372-2580-3)

Simonetti M.-Prinzivalli E., *Storia della letteratura cristiana antica*, Bologna 2010. (ISBN 978-88-10-45303-2).